MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2003

Numru 371/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**vs**

**Hesham Gharz Eddin, Meniar Gharz Eddin u**
**Wesam Gharz Eddin**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputati Hesham Gharz Eddin ta’ 24 sena bin Sagar u Toriy nee’ Murat, imwieled Elgubba, Libja, fl-1 ta’ April, 1978 u residenti 6, ‘A’, Triq il-Kavetta, San Pawl il-Bahar, detentur ta’ passaport Libjan numru 142024;

Meniar Gharz Eddin ta’ 19-il sena bin Sagar u Toriy nee’ Murat, imwieled Darna, Libja, fit-12 ta’ Ottubru, 1983 u

residenti 6, ‘A’, Triq il-Kavetta, San Pawl il-Bahar, detentur ta’ passaport Libjan numru 379835;

Wesam Gharz Eddin ta’ 22 sena bin Sagar u Toriy nee’ Murat, imwieled Ejdabia, Libja, fil-15 ta’ Settembru, 1979 u residenti 27, ‘Astra Flats’, Nru. 1, Triq l-Arznell, Mosta, detentur ta’ passaport Libjan numru 475835; akkuzati talli:

a) fil-11 ta’ Mejju 2002 ghal habta ta’ xi 9.00p.m. gewwa City Gate Bus Terminus, Furjana u fl-Ghassa tal-Belt – Valletta attakaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuni ta’ PS 928 Ramon Mifsud Grech u PC 942 Saviour Chircop, persuna inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorita’ kompetenti, u dan bi ksur tal-artikolu 96(a) tal-Kap.9 tal-ligijiet ta’ Malta;

b) ingurjaw, heddew, jew ghamlu offiza fuq il-persuni ta’ PS 928 Roman Mifsud Grech u PC 942 Saviour Chircop, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz bi ksur tal-artikolu 95 (1) tal-kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

c) ikkagunaw offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuni tal-imsemmija PS 928 Ramon Mifsud Grech u PC 942 Saviour Chircop skond kif iccertifika Dr. David Fenech MD. tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana u dan bi ksur tal-artikolu 221 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d) volontarjament kisru l-bon ordi u l-paci pubblika b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

e) qalu fil-pubbliku kliem indicenti w oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f’dagha u dan bi ksur tal-artikoli 338(bb) u 342 tal-Kap.9 tal-ligijiet ta’ Malta;

f) hebbew kontra l-persuna ta' PS 928 Ramon Mifsud Grech u PC 942 Saviour Chircop sabiex jingurjawhom, idejjquhom jew jaghmlulhom hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

g) imbuttaw lil imsemmija PS 928 Ramon Mifsud Grech u PC 942 Saviour Chircop sabiex iweggghuhom jew jinsulentawhom u dan bi ksur tal-artikolu 339(1) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

h) volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamlu hsara f'uniformijiet ta' PS 928 Ramon Mifsud Grech u PC 942 Saviour Chircop, liema hsara hija ta' aktar minn Lm10 (ghaxar liri Maltin) izda mhux aktar minn Lm50 (hamsin lira Maltin) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u dan bi ksur tal-artikolu 325(c) tal-Kap.9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Ezaminat ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuza f'liema ammissjoni huma ippersistew anka wara li nghatalhom zmien biex jahsbuha.

Ikkunsidrat:

Fuq l-ammissjoni taghhom li tirrifletti wkoll l-htija taghhom kif jixhdu l-provi prodotti l-Qorti qed issibhom hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghhom.

Rat l-Artikoli 95, 96, 221, 338(dd), 338(bb), 339(d), 339(i), 325(c), 17 u 31 u wara li hadet konsiderazzjoni tal-fatti tiddecidi li tillibera lill-imputati taht il-provediment tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' tlett snin u dan fil-konfront ta' kull imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------